MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Numru 220/2000

**ILLUM 28 TA' FRAR 2008**

**IL- PULIZIJA**
**ALFRED MALLIA**

**KONTRA**

**OMISSIS**
**VINCENT CUCCIARDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Frankie Pace ta' sena, bin Lawrence u Mary nee' Pasila, mwieled fl- 04 Lulju 1979 u residenti fil-fond 75, Triq is-Sur, L-Isla, detentur tal-karta ta' l-identita' 319679(M);

U

Vincent Cucciardi ta’ 40 sena, bin Vincent u Stella nee’ Azzopardi, mwieled fid-19 ta’ Marzu 1958 u residenti fil-fond 65, Flt1, Triq iz-Zewg Mini, l-Isla.

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonjiet:

Talli fl-Isla fid-29 ta’ Frar 2000, ghal-habta ta 3.00 p.m. ikkommettew serq ta’ CD stereo ghamla Grundig u xi hwejjeg ohra li l-valur taghhom huwa ta’ iktar minn Lm100 izda inqas minn Lm500, minn karozza Mazda EAQ094 li kienet ipparkjata imsakra fi Triq il-Macina l-Isla, ghad-dannu ta’ Wilfred Privitera bhala direttur tal-kumpanija Charles Grech Co Ltd, liema serq kien ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz  u bix-xorta tal-haga misruqa, bi ksur tal-Art.267; 263(a) u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Barra minn dan akkuzati wkoll talli fl-istess cirkustanzi ikkagunajtu hsara volontarja fuq vettura Mazda EAQ094, liema hsara hija ta’ inqas minn Lm50 izda izjed minn Lm10 ghad-dannu ta’ Wilfred Privitera bhala direttur tal-kumpanija Charles Grech Co Ltd, bi ksur tal-Art.325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Barra minn dan Vincent Cucciardi akkuzat ukoll talli f’dawn il-gzejjer, fl-Isla fid-29 ta’ frar 2000 soqt  vettura tal-ghamla Ford Escort numru tar- registrazjoni CAE 129 meta kellek licenzja tas-sewqan sospiza b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati  ta’ 24 Marzu 1999; u ghalhekk ma kontx kopert b’polza tal-assigurazzjoni kontra terzi.

Barra minn dan akkuzat talli bl-istess cirkustanzi sirt recediv  b’diversi sentenzi mghodija mill-Qorti ta’ Malta.

Wara li rat li l-imputat Frankie Pace kien ammetta l-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu, u inghata sentenza fuq l-istess, u b’hekk gie ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat l-iehor Vincent Cucciardi;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Mill-assjem tal-provi prodotti ma tantx hemm x'wiehed jikkunsidra fit-tul, hlief li fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjonijiet kollha gew ippruvati. L-imputat l-anqas biss ipprova jiddefendi lilu nnifsu f'dawn il-proceduri, ghalkemm ghazel illi jixhed. Fid-dawl ta' dan kollu, ghalhekk, il-Qorti sejra ssibu hati, u kwantu ghall-piena, peress illi din il-kawza damet pendenti ghal zmien eccessiv, u peress illi l-oggetti misruqa kienu gew irritornati lil sidhom, ghandu jkun hemm mitigazzjoni u temperament fl-applikazzjoni tal-istess piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263 (a), 267, 271, 325, 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
l-Artikolu 15 (1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qed issib lill-imputat Vincent Cucciardi hati u ta' dan qed tikkundah ghall-perijodu ta' sena prigunerija sospiza ghal 3 snin ai termini tal-Art 28 A tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------